# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

## Il-Kappella tad-Duluri fil-Pieta

Mibnija go rokna, fit-triq tal-Pieta' li tiehdok ghall-Belt Valletta, tinsab knisja zghira dedikata lil Marija Addolorata .



Fl-inhawi kien hemm cimiterju kbir fejn kienu jindifnu dawk li mietu mill-marda tal-pesta. Qrib dan c-cimiterju fis-sena 1590 imbniet kappella dedikata lil Santu Rokku, Fil-bidu tas-seklu 17 ma gemb din il-kappella tela kunvent zghir ta' l-Agostinjani u kien f'dan iz-zmien li d-dedika tal-knisja imbidlet ghall-Madonna tad-Duluri. Il-kappella kienet ukoll maghrufa bhala "Santa Maria a Mare", peress li kienet vicin hafna tal-bahar, aktar milli hi l-lum.

Minhabba li fis-sena 1721 l-popolazzjoni kienet tghodd 456 ruh, l-isqof Gori Mancini gholla lil din ilk-kappella ghall vici – parrocca biex il-fidili ikun jistghu jaqdu

d-dmirijiet taghhom spiritwali hawn minflok li joqghodu jitilghu il-Belt fil-Knisja ta' San Pawl. In-nies talbu lil isqof biex jahtarha parrocca izda irrifjuta li jaghmel dan. Anzi meta fis-sena 1740 meta nbniet il-knisja ta' San Pubilju il-knijsa tad-Duluri tnehhitilha l-istat ta' vici parrocca. Kien hawn li l-knisja intelqet u maz-zmien waslet biex taqa'.

Kien il-kjeriku Guzeppi Spiteri li talab li jiehu f'idejh l-knisja u jerga' jibniha I l-isqof Alpheran ikkoncedilu fit-12 ta' Ottubru 1757. Benefattur kbir ta' din il-knisja kien Wolfgang Filippu van Guttenberg.

Il-faccata tal-knisja hija helwa. Fil-qucccata taghha jinsab kampnar zghir u statwa sabiha tal-Madonna. Tlett armi minquxa fil-gebel, fosthom dik ta' l-isqof Alpheran. izejnu il-faccata. Il-knisja trid tinzel ghaliha b'tarag ghax iz-znuntier huwa taht il-livel tat-triq. Minn gewwa knisja hija mdaqqsa u appartti mill-artal maggur sabiha ghandha erba kappelluni kull wiehed bl-artal tieghu.

Mis-sagristija tghaddi ghal-dar kbira li mis-sena 1974 ghaddiet f'idejn is-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesu'.

L-artal maggur huwa mzejjen bi gwarnic stil barokk ta' gebel skolpit u kolonni korinzji. Il-knisja ghandha zewg kappelluni fuq kull naha. F'wahda mill-kappelluni hemm il-kwadru dedikat lill-Madonna ta' Loretu b'San Gwann il-Battista u l-Beatu Gerardu .

Kappellun ieħor hu ddedikat lil Santu Rokku, fejn fih hemm kwadru ta' San Ġużepp impitter minn artist Żebbuġi jismu Karlu Zimach jew Gimach. Il-familja Testaferrata kienet ħallset għal dan il-kwadru, li skond Ferris ma jurix 'il San Ġużepp iżda 'l San Karlu. Fil-kappellun l-ieħor hemm kwadru ieħor tal-Madonna tal-Grazzji, b'San Ġwann, Sant'Ambroġ u San Nikola ta' Tolentino. Hemm ukoll id-data 1624 li turi meta kien sar dan il-kwadru. Fil-kappella tal-Madonna tal-Grazzji hemm hafna kwadri tal-wegħda li juru d-devozzjoni li kellha din l-knisja. Fl-aħħar kappellun hemm kurċifiss ta' daqs naturali, li hu tassew sabiħ u jingħad li hu mirakuluż. Il-knsija tinfetah kuljum ghal quddies.

Ta' min jghid li din il-kappella giet restawrata mit-Taqsima tar-Restawr tal-Ministeru ta' l-Infrasfruttura,

Il-Knisja tinfetaħ kuljum għall-quddies.